



## Ġabra tal-ġurisprudenza

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) tat-28 ta' Marzu 2017 – El-Qaddafi vs Il-Kunsill

(Kawża T-681/14)

“Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda kontra l-Libja – Iffriżar ta' fondi –  
Restrizzjonijiet ta' dħul u ta' passaġġ fi tranżitu fit-territorju tal-Unjoni – Żamma tal-isem  
tar-rikorrenti – Drittijiet tad-difiża – Obbligu ta' motivazzjoni”

1. *Rikors għal annullament – Termini – Bidu tad-dekorrenza – Komunikazzjoni – Kunċett –  
Komunikazzjoni lir-rappreżentant ta' rikorrent – Kundizzjoni*

(Artikolu 263(6) TFUE)

(ara l-punt 31)

2. *Atti tal-istituzzjonijiet – Motivazzjoni – Obbligu – Portata – Miżuri restrittivi kontra l-Libja –  
Projbizzjoni ta' dħul u ta' passaġġ kif ukoll iffriżar ta' fondi ta' persuni u ta' entitajiet li  
pparteċipaw fit-tweqqif ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem f'dan l-Istat – Deċiżjoni li tidħol  
f'kundest magħruf mill-persuna kkonċernata – Ammissibbiltà ta' motivazzjoni sommarja*

(Artikolu 296 TFUE; Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2011/137/PESK u 2014/380/PESK; Regolamenti  
tal-Kunsill Nru 204/2011 u Nru 689/2014)

(ara l-punti 56-60, 63, 74)

### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament, minn naħa, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/380/PESK, tat-23 ta' Ġunju 2014, li temenda d-Deċiżjoni 2011/137/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja (ĠU 2014, L 183, p. 52), sa fejn din iżżomm isem ir-rikorrenti fuq il-lista li tinsab fl-Annessi I u III tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/137/PESK, tat-28 ta' Frar 2011, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja (ĠU 2011, L 58, p. 53), u, min-naħa l-oħra, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 689/2014, tat-23 ta' Ġunju 2014, li jimplimenta l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) Nru 204/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja (ĠU 2014, L 183, p. 1), sa fejn dan iżżomm isem ir-rikorrenti fuq il-lista li tinsab fl-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 204/2011, tat-2 ta' Marzu 2011, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja (ĠU 2011, L 58, p. 1).

## Dispożittiv

- 1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/380/PESK, tat-23 ta' Ġunju 2014, li temenda d-Deċiżjoni 2011/137/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja, hija annullata sa fejn din iżżomm isem Aisha Muammer Mohamed El-Qaddafi fuq il-lista li tinsab fl-Annessi I u III tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/137/PESK, tat-28 ta' Frar 2011, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja.
- 2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 689/2014, tat-23 ta' Ġunju 2014, li jimplimenta l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) Nru 204/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja, huwa annullat sa fejn dan iżżomm isem A. El-Qaddafi fuq il-lista li tinsab fl-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 204/2011, tat-2 ta' Marzu 2011, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja.
- 3) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea huwa kkundannat għall-ispejjeż.